MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Mandat Numru. 198/2014/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru 198/2014 JZM fl-ismijiet :**

**Sara Blasina (KTI Taljana 427) ghan-nom taghha personali kif ukoll bhala mandatarja ta` ohtha Mirta Alessandra Blasina (KTI Taljana AK7838274)**

***kontra***

**Luisa Pedroni maghrufa wkoll bhala Luisa Pedroni Blasina (ID 0039090A)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fl-4 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u kkonfermati minnha bil-gurament, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex izzomm lill-intimata milli –

*Tittrasferixxi taht kwalsiasi titolu u/jew tikkostitwixxi favur terzi kwalsiasi dritt reali u/jew personali fuq il-fond "Marylou", minghajr numru ufficjali fi Triq Monsinjur Alfred Mifsud, Birkirkara, kif sottopost ghal beni ta` terzi, bil-gjardina retroposta, kif konfinanti mit-Tramuntana ma` l-imsemmija triq, mill-Punent ma` beni ta` George Zarb u Alfred Scicluna, u mil-Lvant ma` beni ta` Alfred Darmanin kif soggetta ghas-servitujiet passivi favur il-fond sovrapost u bil-komunjoni tas-sistema tad-dranagg, kif soggetta ghal rata ta` subcens annwu u perpetwu, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta` Frar 2014 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata, tatha zmien ghaxart (10) ijiem biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-18 ta` Frar 2014 fis-1.15 p.m.

Rat illi l-intimata kienet debitament notifikata fl-4 ta` Frar 2014.

Rat ir-risposta li l-intimata pprezentat fl-14 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-dokumenti li l-intimata pprezentat mar-risposta taghha.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta` Frar 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet li saru mid-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex jigi dekretat kameralment.

Rat id-digriet taghha fejn sfilzat nota b`dokumenti li pprezentat l-intimata billi l-prezentata bl-annessi saret minghajr il-permess tal-qorti wara li l-procediment kien thalla ghad-digriet in camera.

Rat l-assjem tal-atti tal-procediment tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Skond l-**Art 873(1) tal-Kap 12** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**Art 873(2) tal-Kap 12** –

*Il-Qorti **m'ghandhiex** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri **zewg hwejjeg** biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' dan il-Mandat.

**L-ewwel haga** li jrid juri hi li l-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi.

**It-tieni haga** hija li r-rikorrent ikun jidher li ghandu, [*prima facie*] dawk il-jeddijiet.

Dwar ir-rekwizit li "r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet", il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **"Grech pro et noe vs Manfre`"** qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Minn kliem il-ligi stess, **iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat. Tajjeb jinghad ukoll li l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m`huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi proceddiment bhal dak tal-lum, kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli**. Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

Il-Qorti tkompli tinsisti illi bil-fatt li tintlaqa` talba ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni, ma jfissirx illi l-jedd huwa ppruvat. Bhal ma lanqas ifisser li ghax ma tintlaqax talba ghall-hrug ta` l-Mandat, allura l-jedd pretiz ma jezistix. **L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza` r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu**.

**Ikkunsidrat** :

Fejn si tratta ta` provi l-Qorti sejra tillimita ruhha ghall-essenzjal sabiex tistabilixxi jekk jikkonkorrux ir-rekwiziti kollha ghall-hrug tal-Mandat.

Pietro Blasina – illum mejjet – jigi missier ir-rikorrenti Sara u Mirta Alessandra ahwa Blasina. Luisa Pedroni kienet it-tieni mara ta` Pietro Blasina. Ir-rikorrenti kienu l-ulied tal-ewwel zwieg ta` Pietro Blasina qabel iddivorzja minn omm ir-rikorrenti. Pietro Blasina u Luisa Pedroni zzewgu fil-Principat ta` Monaco fit-23 ta` April 1994. Wara z-zwieg taghhom gew Malta fejn baqghu jirrisjedu u kienu domiciljati. Kienet akkwistata dar go Marsaxlokk permezz ta` kumpannija fiducjarja li taghha Pietro Blasina u Luisa Pedroni kienu l-"*beneficial owners*". Dik id-dar saret id-dar taz-zwieg taghhom.

Inqala` inkwiet matrimonjali bejniethom u Luisa Pedroni ma baqghetx toqghod fid-dar ta` Marsaxlokk. Jekk tkeccietx minn dik id-dar kontra r-rieda taghha, inkella telqitx volontarjament, u cirkostanzi l-ohra li wasslu ghall-inkwiet matrimonjali mhuwiex mertu tal-procediment tal-lum izda huwa l-mertu ta` kawza ohra bejn il-partijiet. Bhala fatt pero` Luisa Pedroni ma baqghetx tirrisjedi fid-dar ta` Marsaxlokk.

Separata de facto, l-intimata xtrat u akkwistat d-dar mertu tar-rikors tal-lum fit-2 ta` Novembru 2009 u marret toqghod fiha. Pietro Blasina miet Malta fid-19 ta` Marzu 2013 u r-rikorrenti huma l-eredi tieghu. Luisa Pedroni ghadha residenti u domiciljata Malta.

Dwar id-dar ta` Birkirkara hemm kontroversja legali bejn ir-rikorrenti u l-intimata ghaliex tal-ewwel isostnu li d-dar tappartjeni lill-komunjoni tal-

akkwisti ta` bejn missierhom u l-intimata, filwaqt li l-intimata tghid li meta hi u Pietro Blasina zzewgu fil-Principat ta` Monaco kienu ghazlu r-regim tas-separazzjoni tal-assi, hi akkwistat id-dar b`assi parafernali taghha u kwindi d-dar hija taghha, u taghha biss.

Huwa evidenti li bejn il-partijiet mhux biss huwa kontestat b`akkaniment lil min tappartjeni d-dar izda hemm kontestazzjoni dwar molteplicita` ta` kwistjonijiet ohra ; fosthom illi l-wirt ta` Pietro Blasina ghadu mhux determinat u kwindi ghadu mhux maqsum. Lanqas ma huwa stabbilit x`kien hemm preciz in komun bejn Pietro Blasina u l-intimata, u kwindi ghadha ma saret l-ebda qasma u wisq anqas assenjazzjoni.

Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis jekk ir-rikorrenti ghandhomx dritt *prima facie* sabiex jitolbu l-hrug tal-Mandat.

Skond l-<u>**Art 1316(2) tal-Kap 16**</u>, *iż-żwieġ li jsir barra minn Malta min-nies li, wara jiġu joqogħdu f'Malta, iġib ukoll bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti, għal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f'Malta.*

Ladarba <u>ma jirrizultax</u> illi wara li gew joqghodu Malta, Pietro Blasina u l-intimata marru ghas-separazzjoni tal-beni fil-kaz ta` dawk il-beni li kienu sejrin jakkwistaw wara li jigu Malta, kwalsiasi beni akkwistati mill-mument li fih gew joqghodu Malta, saru jaghmlu parti minn komunjoni ta` akkwisti regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kap 16. Jigi rilevat ukoll illi ghall-konjugi Blasina, Malta ma saritx biss il-post tar-residenza taghhom izda anke d-domicilju taghhom.

Dan ifisser illi r-rikorrenti bhala eredi ta` Pietro Blasina ghandhom jedd certament *mad-daqqa t`ghajn* li jressqu talba ghall-hrug tal-Mandat fit-termini esposti minnhom ladarba d-dar ta` Birkirkara kienet akkwistata mill-intimata f`isimha biss meta kienet separata *de facto* minn Pietro Blasina.

Fil-fehma tal-Qorti ma jregix l-argument tal-intimata li <u>fis-sustanza</u> jghid li ghax id-dar ta` Birkirkara kienet akkwistata bi flus li kienu parafernali tal-intimata allura d-dar ma taghmilx parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-<u>**Art 1320(e) tal-Kap 16**</u> illi jghid illi *fil-komunjoni tal-akkwisti jidhlu … kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni.*

**L-ewwel rekwizit huwa sodisfatt.**

Il-Qorti sejra tara issa jekk ir-rekwizit tal-pregudizzju jirrizultax ukoll. Diga` kien rilevat illi bejn ir-rikorrenti u l-intimata – kif del resto kien hemm bejn missierhom u l-intimata – hemm serje ta` kwistjonijiet u anke kawzi fejn ghad irid ikun determinat x`kien jappartjeni lil Pietro Blasina – u kwindi llum lill-wirt tieghu – x`jappartjeni lill-intimata, il-konsistenza tal-assi ta` kull wiehed, x`dahal fil-komunjoni tal-akkwisti, u ghadd ta` materji ohra. Hemm mmobbli li llum huma propjeta` ndiviza bejn il-wirt ta` Pietro Blasina u l-intimata, apparti assi ohra. Illum l-ebda parti ma taf fejn huwa taghha ghaliex jissussisti <u>wkoll</u> stat ta` komunjoni ta` beni. Dan ifisser illi jekk l-intimata tithalla tittrasferixxi anke lil terzi id-dar ta` Birkirkara ghaliex akkwistaha f`isimha meta r-rikorrenti ghandhom jedd "prima facie" fuq in-nofs indiviz taghha, li se jkun determinat fil-kawza fil-mertu, il-pregudizzju jsir irrimedjabbli ghaliex ifixkel notevolment qasma futura tal-assjem – dan apparti kwistjonijiet bla bzonn li jistghu jsibu ruhhom fihom terzi eventwali li jakkwistaw. Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi l-pregudizzju li jgib trasferiment eventwali difficlment jissewwa mod iehor ghax ifixkel il-bilanc ta` drittijiet tal-partijiet fl-istat ta` komunjoni tal-beni. Il-Qorti ma tistax tghid illi l-pregudizzju jkun jista` jitnehha b`decizjoni wara li jkun mistharreg il-kaz fil-mertu. Il-potenzjal ta` azzjoni ghal danni favur ir-rikorrenti fil-kaz li l-esitu ta` kawza fil-mertu jkun favur taghhom mhijiex sejra thassar il-hsara li jgarrbu jekk jassistu mpassibbli ghat-trasferiment ta` d-dar favur terzi.

**It-tieni rekwizit huwa sodisfatt ukoll.** .

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u billi huma sodisfatti r-rekwiziti kollha ghall-hrug tal-mandat, il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti, u konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimata kif mitlub mir-rikorrenti.**

**Tordna illi kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------